

Brussell, 13 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9690/24

CO EUR-PREP 13

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (27 u 28 ta' Ġunju 2024) – Abbozz ta' aġenda annotata

F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li għandu l-Preidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta abbozz ta' aġenda annotata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali.

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' aġenda annotata ppreżentata mill-President tal-Kunsill Ewropew, fejn huma mniżżlin il-punti ewlenin li l-Kunsill Ewropew mistenni jindirizza fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Fid-dawl tad-diskussjoni finali li għandha ssir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħamest ijiem ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jfassal l-aġenda proviżorja.

I. UKRAJNA

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fid-dimensjonijiet kollha tagħha. Huwa ser jiddiskuti l-appoġġ komprensiv tal-Unjoni għall-Ukrajna u l-poplu tagħha.

II. SIGURTÀ U DIFIŻA

Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-kwistjoni tas-sigurtà u d-difiża, inkluż il-ħtieġa tal-Ewropa li ttejjeb l-istat ta' tħejjija ġenerali fir-rigward tad-difiża u l-kapaċitajiet tagħha u li tkompli ssaħħaħ il-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża tagħha. F'dan il-kuntest, ser jirrieżamina l-progress dwar il-possibiltajiet ta' għażliet għall-mobilizzazzjoni ta' aktar finanzjament għall-industrija Ewropea tad-difiża.

III. KOMPETITTIVITÀ

B'segwitu għall-konklużjonijiet tiegħu ta' April 2024, il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-Unjoni tas-Swieq Kapitali u ser jirrieżamina l-progress fuq azzjonijiet biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni, tiġi żgurata r-reżiljenza ekonomika tagħha u jinkiseb il-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku.

IV. RELAZZJONIJIET ESTERNI

Fid-dawl tal-avvenimenti, il-Kunsill Ewropew jista' jindirizza kwistjonijiet speċifiċi oħra ta' politika barranija inkluż is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani.

V. IĊ-ĊIKLU ISTITUZZJONALI LI JMISS

Il-Kunsill Ewropew ser jadotta l-Aġenda Strateġika 2024-2029 u l-konklużjonijiet dwar pjan direzzjonali għal ħidma futura fuq riformi interni. Ser jindirizza wkoll il-ħatriet għaċ-ċiklu istituzzjonali li jmiss.